9 ta' Novembru, 2007

## Xoghol illegali huwa dejjem illegali – MEP Simon Busuttil

L-ewroparlamentari Simon Busuttil dalghodu kellu t-tielet minn sensiela ta' laqghat ta' konsultazzjoni li qed jaghmel dwar proposata tal-Kummissjoni Ewropea li timponi pieni kontra min ihaddem immigranti illegali bla permess. Il-proposta hija parti min sett ta' mizuri biex l-UE tkun tista' tiggieled l-influss ta' l-immigrazzjoni llegali b'mod akter effettiv.

Is-sessjoni ta' konsultazzjoni ta' dalghodu saret ma rapprezentanti mill-MCESD u fiha ppartecipaw ic-Chairman ta' l-MCESD Sunny Portelli kif ukoll rapprezentanti mill-UHM, l-FOI, il-Kamra tal-Kummerc, l-MEA, l-MHRA, il-GRTU u l-Malta Federation of Professional Bodies (MFBD). Ippartecipaw ukoll Anna Darmanin u Grace Attard li huma tnejn mill-hames rapprezentanti Maltin fil-Kumitat Ekonomiku u Socjali (EESC) ta' l-Unjoni Ewropea.

Matul is-sessjoni ta' dalghodu, l-Ewroparlamentari Simon Busuttil, li huwa l-kelliem ewlieni tal-Grupp Popolari Ewropew fuq din il-ligi, ta dettalji dwar il-proposta tal-ligi filwaqt li talab ghar-reazzjoni ta' l-ghaqdiet prezenti.

Dr Busuttil iddeskriva l-proposta ta' ligi bhala wahda li tibghat messagg car li l-impieg ta' immigranti bla permess tax-xoghol ma jistax jibqa jigi tollerat. Huwa iddeskriva din il-ligi bhala disincentiv ghall-immigrazzjoni illegali ghax tnaqqas l-attrazzjoni ta' l-Ewropa bhala destinazzjoni fejn l-immigranti jistghu jigu u jahdmu b'mod illegali.

Negozji li jinqabdu jhaddmu immigranti bla permess se jkun qed jiffaccjaw pieni horox, fosthom multi, skwalifika minn kuntratti pubblici u f'certi kazi, anki pieni kriminali.

B'reazzjoni ghal interventi minn dawk prezenti Dr Busuttil ghamilha cara li din il-proposta m'ghandhiex tkun ta' problema ghal negozji li jhaddmu lin-nies b'mod regolari, izda ghandha tinkwieta lil dawk li jhaddmu lin-nies bla permess.

L-Ewroparlamentari Simon Busuttil qal li minn issa 'l quddiem se jkun qed jiehu kont tar-reazzjonijiet u s-suggerimenti ta' l-ghaqdiet kollha fit-thejjija ta' l-emendi ghal din il-ligi f'isem il-Partit Popolari Ewropew.

............................................

**Office of Simon Busuttil MEP**

Kevin Mizzi in Valletta: (356) 21228585